PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika tal-iskadenza imminenti ta' ċerti miżuri antisussidji

(2018/C 14/08)

1. Kif previst fl-Artikolu 18(4) tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), il-Kummissjoni tinnotifika li, sakemm ma jitnediex rieżami f'konformità mal-proċedura li ġejja, il-miżuri kompensatorji msemmija hawn taħt se jiskadu fid-data msemmija fit-tabella ta' hawn taħt.

2. **Proċedura**

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jressqu talba bil-miktub għal rieżami. Din it-talba trid tinkludi biżżejjed evidenza li l-iskadenza tal-miżuri aktarx li twassal għal kontinwazzjoni jew rikorrenza tas-sussidju u l-ħsara. Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tagħmel rieżami tal-miżuri kkonċernati, l-importaturi, l-esportaturi, ir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur u l-produtturi tal-Unjoni se jkollhom iċ-ċans li jelaboraw, jirrifjutaw jew jikkummentaw dwar il-kwistjonijiet imsemmija fit-talba għal rieżami.

3. **Terminu perentorju**

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jressqu talba bil-miktub għal rieżami abbażi ta' dak imsemmi hawn fuq, li għandha tasal għand: European Commission, Directorate-General for Trade (Unit H-1), CHAR 4/39, 1049 Brussels, Belgium ([2]) fi kwalunkwe żmien mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-notifika, iżda mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data msemmija fit-tabella ta' hawn taħt.

4. Din in-notifika hija ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 18(4) tar-Regolament (UE) 2016/1037.

Prodott	Pajjiż(i) tal-oriġini jew tal-esportazzjoni	Miżuri	Referenza	Data tal-iskadenza ([1])
Stainless Steel Wajer	l-Indja	Dazju antisussidji	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 861/2013 tat-2 ta' Settembru 2013 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbli li joriġinaw mill-Indja (ĠU L 240, 7.9.2013, p. 1)	8.9.2018

([1]) Il-miżura tiskadi f'nofsillejl tal-jum imsemmi f'din il-kolonna

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55.
([2]) TRADE-Defence-Complaints@ec.europa.eu